

# Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Mobbiltà għat-Tagħlim

## Sessjoni 2 – Rapport ta' Sinteżi

mill-24 sas-26 ta' Marzu 2023



European Citizens Panel  
**learning  
mobility**  
**Have Your Say**

[#LearningMobilityEU](https://twitter.com/LearningMobilityEU)



## 1. Ғарса ġenerali

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Mobbiltà għat-Tagħlim jikkonsisti minn 150 ċittadin magħżulin b'mod aleatorju u jiltaqa' għal tliet sessjonijiet. Matul l-ewwel sessjoni, iċ-ċittadini identifikaw total ta' 36 sfida u ostaklu li jxekklu l-mobbiltà inklużiva għat-tagħlim fl-Ewropa u li jistħoqqilhom l-attenzjoni tal-Kummissjoni. Abbażi ta' dawn l-isfidi, il-Kumitat tal-Għarfien (KC) iddefinixxa tliet blokk tematiki biex jistruttura d-diskussjoni taċ-ċittadini dwar soluzzjonijiet u l-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet:

- 1) **Blokka tematika 1:** Negħlbu l-isfidi, l-ostakli u d-dilemmi **individwali u attitudinali** (ostakli personali, psikoloġiċi u tat-teħid tad-deċizzjonijiet)
- 2) **Blokka tematika 2:** Negħlbu l-isfidi l-ostakli, u d-dilemmi **kuntestwali u ambjentali** (ostakli kulturali, soċjali u lingwistiċi)
- 3) **Blokka tematika 3:** Negħlbu l-isfidi, l-ostakli u d-dilemmi **istituzzjonali u relatati mal-politika** (aċċess għall-informazzjoni, ostakli ekonomiċi u finanzjarji)

It-tieni sessjoni saret online **mill-24 sas-26 ta' Marzu 2023**. L-għan kien li iċ-ċittadini jsibu soluzzjonijiet biex jingħelbu l-isfidi u l-ostakli identifikati fis-sessjoni 1. Għal dak l-għan, l-uffiċjali tal-Kummissjoni u l-kelliema esterni varjati taw liċ-ċittadini kontributi dwar dawn l-ostakli u ppreżentaw soluzzjonijiet possibbli biex jindirizzawhom, b'attenzjoni speċjali għad-dilemmi u l-kompromessi eżistenti bejniethom. Eventwalment, iċ-ċittadini żviluppaw **45 abbozz ta' rakkomandazzjonijiet** fid-diskussjonijiet tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.

### L-ewwel ġurnata (il-Ġimgħa)

Il-Ġimgħa, iċ-ċittadini ngħataw merħba għas-sessjoni online mill-moderaturi ewlenin u minn Sophia Eriksson Waterschoot, id-Direttur għaż-Żgħażaġħ, l-Edukazzjoni u Erasmus+ fid-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura (DG EAC). Minn hemm 'il quddiem, Ute Haller-Block, il-Kap tal-Unità fid-DG EAC, irriflettiet fuq ir-riżultati tal-ewwel sessjoni u speċifikat l-aspettattivi tal-Kummissjoni dwar il-Panel. Mantas Pupinis, id-Direttur tar-Riċerka fil-PPMI u membru tal-Kumitat tal-Għarfien, imbagħad ġie mistieden jispjega kif il-KC għabar ir-riżultati taċ-ċittadini mis-sessjoni 1 fi tliet blokk tematiki. Huwa ta l-ewwel ħarsa ġenerali lejn id-dilemmi u l-kompromessi sottostanti għal dawn l-isfidi, kif identifikati mill-KC. Biex jikkomplementa dan l-ewwel ċiklu ta' kontributi, Mika Saarinen, id-Direttur tal-Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għal Erasmus+ kif ukoll membru tal-Kumitat tal-Għarfien, ipprova liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar il-programm Erasmus+ kif ukoll dwar il-programmi eżistenti oħra ta' mobbiltà għat-tagħlim biex tiġi kuntestwalizzata l-ħidma tal-Panel. Fi tliet sessjonijiet tal-panel li saru aktar tard, l-erba' kelliema elaboraw fuq kull wieħed mill-blokk tematiki billi pprovdew perspettivi differenti, u taw ħarsa ġenerali lejn is-soluzzjonijiet possibbli, id-dilemmi, u l-mistoqsijiet fil-blokk tematiku rispettiv tagħhom. Il-kelliema ġew mistiedna abbażi tar-riżultati mill-ewwel sessjoni. Fi tmiem kull panel ta' diskussjoni, iċ-ċittadini kellhom l-opportunità li jistaqsu li jixtiequ. Fl-aħħar nett, il-moderaturi ewlenin iddeskrivew l-aġenda ta' tmiem il-ġimgħa u fakkru l-iskop ġenerali tal-panel.

### It-tieni ġurnata (is-Sibt)

Is-Sibt, iċ-ċittadini ħadmu b'mod parallel fi 12-il grupp ta' ħidma li ġew interpretati u faċilitati fl-istess waqt minn faċilitaturi esperjenzati. Dawk li jieħdu n-noti iddokumentaw il-proċess fi spreadsheets multilingwi li ppermettew l-oġhla livell fil-ħidma ta' gruppi oħra. Il-gruppi kollha bdew il-ġurnata billi analizaw l-ewwel blokk tematiku, biex jегħlbu l-ostakli psikoloġiċi u attitudinali. Huma qablu dwar elementi trasversali li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jabbozza rakkomandazzjonijiet immirati biex jегħlbu l-isfidi kuntestwali (blokk tematika 2) u dawk istituzzjonali u dawk relatati mal-politika (blokk tematika 3). Wara, kull grupp ta' ħidma pproduċa sa żewġ abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet

għal kull wieħed minn dawk iż-żewġ blokk tematiki. Waranofsinar, kull grupp baġat ambaxxatur għal grupp ta' ħidma ieħor biex jippreżenta l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet tiegħu u jirċievi l-feedback tiegħu. Matul il-ġurnata, iċ-ċittadini setgħu jistaqsu mistoqsijiet lill-esperti fiċ-Ċentru tal-Għarfien u tal-Infommazzjoni (KIC). It-tweġibiet setgħu jingħataw is-Sibt waranofsinar jew il-Ħadd filgħodu.

### It-tielet ġurnata (il-Ħadd)

Il-Ħadd filgħodu, iċ-ċittadini fi ħdan il-gruppi ta' ħidma tagħhom għabru l-feedback li daħal mill-gruppi l-oħra u, fejn applikabbli, it-tweġibiet tal-esperti. Minn dan ħarġu **45 abbozz ta' rakkomandazzjoni fit-12-il grupp ta' ħidma**. Għall-plenarja finali ta' wara, kull grupp għażel kelliem wieħed. Kull kelliem imbagħad ippreżenta tnejn mir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp tiegħu lill-Panel kollu. Wara dawn il-preżentazzjonijiet, iċ-ċittadini rċew feedback dwar l-ideat tagħhom minn membru tal-Kumitat tal-Għarfien, Mika Saarinen, u mir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea, Ute Haller-Block. Min-naħa tagħhom, iċ-ċittadini setgħu jistaqsu mistoqsijiet lil dawn iż-żewġ kelliema u jaqsmu l-feedback tagħhom stess dwar is-sessjoni attwali, appoġġjati wkoll minn tliet mistoqsijiet dwar Slido. Fl-aħħar nett, iċ-ċittadini rċew ħarsa ġenerali lejn l-aħħar sessjoni u l-passi li jmiss.

## 2. Il-lista ta' kelliema u esperti involuti

Matul it-tieni sessjoni, l-esperti li ġejjin ipparteċipaw bħala kelliema fil-plenarja u bħala membri taċ-Ċentru tal-Għarfien u tal-Infommazzjoni (KIC), fejn wiegħbu l-mistoqsijiet taċ-ċittadini:

### Il-membri tal-KIC

- **Mantas Pupinis**, id-Direttur tar-Riċerka fi PPMI u l-Maniġer tal-Proġett tal-“Study on support learning mobility: progress, obstacles and the way forward”
- **Mika Saarinen**, id-Direttur tal-Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għal Erasmus+ (EDUFI)
- **Gina Ebner**, is-Segretarja Ġenerali, tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni tal-Adulti
- **Fabienne Metayer**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Marta Guitierrez Benet**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Svava B. Finsen**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Kinga Szebeni**, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni
- **Jutta König-Georgiades**, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni
- **Steffen Schulz**, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

### Il-kelliema (membri esterni u tal-KE)

- **Mantas Pupinis**, id-Direttur tar-Riċerka fi PPMI u l-Maniġer tal-Proġett tal-“Study on support learning mobility: progress, obstacles and the way forward”
- **Mika Saarinen**, id-Direttur tal-Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għal Erasmus+ (EDUFI)
- **Gina Ebner**, is-Segretarja Ġenerali, tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni tal-Adulti
- **Wim Gabriels**, id-Direttur u koordinatur tal-Inklużjoni Soċjali u l-Involvement fil-Mobbiltà, fin-Network tal-Istudenti Erasmus
- **Christoph van Mol**, l-Assistent Professur, fl-Università ta' Tillburg
- **Irina Ferencz**, id-Direttriċi tal-Assoċjazzjoni ta' Kooperazzjoni Akkademika
- **Gregorio Blanco Martin**, il-Kap tad-Dipartiment Inġliż u l-Koordinatur tal-Erasmus, fl-IES Gabriel Alonso de Herrera
- **Ewa Krzaklewska**, Assistentta Professoressa fl-Università ta' Jagiellonian
- **Ruben Sansom**, il-Koordinatur ta' Clean Mobility, Generation Climate Europe

- **Brikena Xhomaqi**, id-Direttur tal-Pjattaforma għat-Tagħlim tul il-#ajja
- **Audrey Frith**, id-Direttriċi tal-Eurodesk Brussels Link
- **Søren Kristensen**, il-Konsulent tat-Techne
- **Ute Haller-Block**, il-Kap tal-Unita', id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Vito Borelli**, il-Kap tat-Tim, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Chiara Rioldino**, il-Kap tal-Unità, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

### 3. Aġenda fil-qosor

<b>Il-Ġimgħa (l-24 ta' Marzu)</b>	<b>Plenarja</b>
mis-14:30 sat-14:50	<b>Merħba, preżentazzjoni tar-riżultati mis-Sessjoni 1 u l-aġenda għas-sessjoni 2</b>
mit-14:50 sat-15:35	<b>Nimxu mill-ostakli għal soluzzjonijiet għall-mobbiltà fit-tagħlim għal kulħadd</b> Kelliema mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kumitat tal-Għarfien
mit-15:35 sal-15:55	<i>Pawża</i>
15:55 sal-16:40	<b>Blokka tematika 1: Negħlbu l-ostakli personali u psikoloġiċi</b> Intervisti ma' esperti kif ukoll Mistoqsijiet u Tweġibiet
mill-16:40 sal-17:20	<b>Blokka tematika 2: Negħlbu l-ostakli kulturali, soċjali u lingwistiċi</b> Intervisti ma' esperti kif ukoll Mistoqsijiet u Tweġibiet
mill-17:20 sas-17:40	<i>Pawża</i>
mis-17:40 sas-18:20	<b>Blokka tematika 3: Negħlbu l-ostakli relatati mal-informazzjoni, l-ekonomija u l-finanzi</b> Intervisti ma' esperti kif ukoll Mistoqsijiet u Tweġibiet
mis-18:20 sas-18:30	<b>Il-passi li jmiss u l-kummenti tal-għeluq</b>
<b>Is-Sibt (il-25 ta' Marzu)</b>	<b>Gruppi ta' Ħidma</b>
mid-09:30 sal-09:45	<b>Bini tal-grupp/logħob biex isiru jafu lil xulxin</b>
mill-09:45 sal-11:00	<b>Slott 1: Ħidma fi grupp dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet (Blokka tematika 1)</b>
mill-11:00 sal-11:30	<i>Pawża</i>
mill-11:30 sas-13:00	<b>Slott 2: Ħidma fi grupp dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet (Blokka tematiċi 2 u 3)</b>
mis-13:00 sas-14:30	<i>Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar</i>
mis-14:30 sal-16:00	<b>Slott 3: Ħidma fi grupp dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet (Blokka tematiċi 2 u 3)</b>
mill-16:00 sal-16:30	<i>Pawża</i>
mill-16:30 sas-18:00	<b>Slott 4: Feedback bejn il-gruppi</b>

<b>Il-Ħadd (is-26 ta' Marzu)</b>	<b>Grupp ta' Ħidma</b>
mid-09:30 sal-11:15	<b>Slott 5: Konsolidazzjoni tal-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet</b>
mill-11:15 sal-11:30	<i>Pawża</i>
	<b>Plenarja</b>
mill-11:30 sas-12:40	<b>Preżentazzjonijiet mill-gruppi u feedback</b>
mis-12:40 sas-12:55	<i>Pawża</i>
mis-12:55 sas-13:20	<b>Reazzjonijiet minn esperti dwar il-ħidma li saret fis-sessjoni 2 Interazzjoni kif ukoll Mistoqsijiet u Tweġibiet</b>
mis-13:20 sas-13:30	<b>Rendikont u rimarki tal-għeluq</b>

#### 4. Reġistrazzjoni tas-sessjonijiet plenarji

- **Il-Ġimgħa**, l-24 ta' Marzu 2023, mis-14: 30 sas-18: 30 CET:  
<https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-learning-mobility-session-2-plenary-20230324%20>
- **Il-Ħadd**, is-26 ta' Marzu 2021, mill-11: 30 sas-13:30 CET:  
<https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-learning-mobility-session-2-plenary-20230326>